



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6902/21

COAFR 63
CFSP/PESC 239
COHAFA 18
COHOM 53
DEVGEN 45

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Marzu 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Etjopja - Konklużjonijiet tal-Kunsill (11 ta' Marzu)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Etjopja, approvati bi proċedura bil-miktub fil-11 ta' Marzu 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Etjopja

1. L-Etjopja hija sieħba strateġika għall-UE fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjun akbar kif ukoll attur multilaterali importanti. L-UE tapprezza l-kooperazzjoni u d-djalogu mill-qrib fit-tul mal-Gvern Etjopjan dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet.
2. Bħala parti minn dan id-djalogu, l-UE tilqa' ż-żjara tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Finlandja Pekka Haavisto fisem ir-Rappreżentant Għoli fl-Etjopja u fis-Sudan bejn is-7 u l-10 ta' Frar 2021, fejn iltaqa' mal-awtoritajiet tal-Etjopja, tas-Sudan u tal-Unjoni Afrikana u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fost l-oħrajn mis-soċjetà ċivili.
3. Illum il-ġurnata, l-Etjopja tinsab f'sitwazzjoni domestika kumplessa b'implikazzjonijiet kbar għar-reġjun kollu kemm hu. Il-proċess ta' riforma li għaddej bħalissa u l-aħħar żviluppi fl-Etjopja żvelaw inċertezza u tensjonijiet sottostanti. Il-kunflitt armat fir-reġjun ta' Tigray li tqajjem mill-attakk fuq bażijiet militari jaggrava t-tensjonijiet fil-Qarn tal-Afrika. Dan wassal għal kriżi umanitarja gravi. L-UE tqis li huwa importanti li naslu għall-konklużjonijiet li għejjin filwaqt li ttenni r-rieda tagħha li tibni fuq relazzjoni dejjiema.

Dwar is-sitwazzjoni f'Tigray

4. L-UE għadha ferm imħassba dwar il-kunflitt. Parti kbira mill-popolazzjoni ta' Tigray, fosthom dawk spostati għewwa r-reġjun, għadha maqtugħa mis-servizzi u l-komunikazzjonijiet bażiċi, kif ukoll mill-assistenza umanitarja sa mill-bidu tal-kriżi. F'reġjun li fih il-ħtiġijiet huma diġà kbar u r-riżorsi huma skarsi, speċjalment fiż-żoni rurali, is-sitwazzjoni qed issir dejjem aktar kritika.

5. L-UE thegħegħ lill-partijiet kollha biex itemmu l-vjolenza minnufih, u biex jirrispettaw id-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, id-Dritt Umanitarju Internazzjonali u d-Dritt Internazzjonali dwar ir-Refuġjati. Aċċess umanitarju sħiħ, rapidu u mingħajr xkiel għall-persuni kollha fil-bżonn irid jiġi żgurat fiż-żoni kollha. Il-prinċipji umanitarji tal-imparzjalità, in-newtralità u l-indipendenza jridu jiġu ggarantiti għal rispons umanitarju fuq skala akbar. L-UE tappella għall-protezzjoni ta' persuni spostati internament (IDPs) u refuġjati u tfakkar li l-prinċipju internazzjonali ta' "non-refoulement" irid jiġi rispettat.
6. Filwaqt li tagħraf il-ħidma li wettaq il-Gvern Etjopjan biex jindirizza xi wħud mill-ħtiġijiet tal-popolazzjoni, l-UE tenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu dawn l-isforzi. Hija meħtieġa kooperazzjoni sħiħa man-NU u mal-organizzazzjonijiet umanitarji kollha fuq il-post.
7. L-UE tilqa' t-tħabbira mill-Gvern Etjopjan ta' aċċess mingħajr restrizzjoni u mobbiltà mingħajr xkiel tal-aġenziji umanitarji abbażi ta' sistema sempliċi ta' notifika u tappella għall-implimentazzjoni immedjata u sħiħa tagħha. Jeħtieġ li jitħaffu l-proċeduri għall-importazzjoni ta' għajnuna umanitarja u tagħmir ta' komunikazzjoni.
8. Is-servizzi bażiċi, fosthom l-ilma, is-sanitazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, it-telekomunikazzjoni u s-servizzi bankarji, iridu jiġu restawrati malajr u b'mod sħiħ. Il-persuni ċivili, inkluż l-IDPs u r-refuġjati, għandhom ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod sikur u ħieles. L-UE tirrikonoxxi l-progress li sar fir-rigward tal-aċċess għal xi organizzazzjonijiet tal-media u tas-soċjetà ċivili, madankollu huwa kruċjali li jingħata aċċess għalihom kollha, li tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom u li l-aċċess tagħhom għaż-żoni kollha ta' Tigray ikun mingħajr xkiel.
9. L-UE għadha ferm imħassba dwar l-għadd kbir ta' testimonjanzi u rapporti li jissostanzjaw allegazzjonijiet li jindikaw l-involvement ta' diversi atturi u possibbilment jikkostitwixxu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, qtil ekstrapudizzjarju, eżekuzzjonijiet tal-massa, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż stupru, ritorni furzati ta' refuġjati, ksur u abbużi oħra tad-drittijiet tal-bniedem, serq ta' proprjetà, qerda ta' infrastruttura u siti reliġjużi. Dawn l-atti jridu jieqfu immedjatament.

10. L-UE tinnota wkoll bi tħassib ir-rapporti ta' vjolenza etnika, diskors ta' mibegħda u diskriminazzjoni mmirati, f'Tigray u partijiet oħra tal-Etjopja. Din ix-xejra perikoluża tista' twassal għal eskalazzjoni tal-vjolenza fil-pajjiż kollu u ddgħajjef il-possibbiltajiet ta' paċi u rikonċiljazzjoni.
11. L-UE tilqa' l-impenji tal-awtoritajiet Etjopjani li jressqu lill-awturi kollha quddiem il-ġustizzja u li jaċċettaw assistenza teknika internazzjonali biex iwettqu l-investigazzjonijiet. L-UE ser issewwi mill-qrib il-progress li jsir f'dan ir-rigward, peress li l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali jeħtieġ li jiġu investigati b'mod imparzjali u jeħtieġ li jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà. L-UE tappoġġa wkoll il-ħidma importanti tal-Kummissjoni Etjopjana għad-Drittijiet tal-Bniedem (EHRC) li tipprovdi dokumentazzjoni dettaljata kif ukoll rakkomandazzjonijiet għal azzjoni, u tinsab lesta li tappoġġa sforzi nazzjonali addizzjonali. L-UE tilqa' bħala l-ewwel pass it-tħabbira tal-Gvern Etjopjan li jistabbilixxi task force biex tinvestiga l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. Huma meħtieġa aktar sforzi.
12. L-UE thegħġeg biex is-sorveljanza fuq il-post tal-EHRC tiġi estiża għar-reġjun kollu. Il-persunal tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll għandu jingħata aċċess sħiħ għar-reġjun.
13. L-UE thegħġeg lill-Unjoni Afrikana biex tkompli tinvolvi ruħha politikament mal-Gvern Etjopjan, sabiex jintemmu l-ostilitajiet, jiġi żgurat aċċess umanitarju għaż-żoni kollha ta' Tigray u tinstab soluzzjoni politika għall-kunflitt.
14. L-UE tixtieq tkompli d-djalogu kostruttiv mal-Gvern Etjopjan dwar dawn il-kwistjonijiet. Hija għadha lesta li tappoġġa kwalunkwe azzjoni mmirata biex tnaqqas it-tensjonijiet u tipprovdi għajnuna lil dawk li jeħtiġuha.

Dwar kwistjonijiet reġjonali relatati

15. L-implikazzjonijiet reġjonali tas-sitwazzjoni fir-reġjun Etjopjan ta' Tigray, kif ukoll ir-riskju ta' riperkussjonijiet oħra f'reġjun li diġà huwa fraġli, huma ta' tħassib kbir. Aktra eskalazzjoni militari u instabbiltà dejjiema fl-Etjopja u fir-reġjun akbar iridu jiġu evitati.

16. L-UE tingħaqad mal-appell tal-komunità internazzjonali għall-irtirar immedjat tat-truppi Eritreani peress li dawn jaggravaw is-sitwazzjoni, kif irrappurtat minn diversi sorsi. L-UE hija wkoll ferm imħassba dwar allegazzjonijiet ta' azzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità mwettqa mit-truppi Eritreani. L-UE tappella għal investigazzjonijiet bir-reqqa u indipendenti, u ser tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi futuri f'dan ir-rigward.
17. L-UE hija mħassba wkoll biż-żieda fit-tensjonijiet fuq il-fruntiera bejn l-Etjopja u s-Sudan, u tappella liż-żewġ naħat biex jagħmlu kull sforz biex itaffu s-sitwazzjoni, jibnu mill-ġdid il-fiduċja u jsibu soluzzjoni negozjata u paċifika. L-UE thegġegħ liż-żewġ partijiet biex jergġghu jibdwew id-djalogu malajr kemm jista' jkun u tinsab lesta li tappoġġa l-isforzi politiċi kollha biex tiġi ppreżentata soluzzjoni sostenibbli.
18. L-UE thegġegħ ukoll lill-Etjopja, lis-Sudan u lill-Eġittu biex jergġghu jibdwew in-negozjati dwar id-Diga l-Kbira għar-Rinaxximent tal-Etjopja (GERD) sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema u ta' benefiċċju reċiproku. L-UE kellha r-rwol ta' osservatur fin-negozjati, u għadha lesta li tkompli tappoġġa dan il-proċess skont kif jitqies xieraq mill-partijiet kollha.
19. L-UE thegġegħ lill-Gvern Etjopjan biex isaħħaħ il-koooperazzjoni tiegħu mal-Unjoni Afrikana, mal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp, u mas-sħab reġjonali sabiex jittieħdu deċiżjonijiet paċifiċi u miftiehma biex tiġi ppreservata l-istabbiltà tar-reġjun kollu.

Dwar it-tranzizzjoni fl-Etjopja

20. L-Etjopja għaddejja minn proċess estensiv ta' tranżizzjoni demokratika, li fih qed jiġu implimentati riformi politiċi u ekonomiċi importanti. L-UE tieħu nota tat-tħabbira tal-elezzjonijiet ġenerali għall-5 ta' Ġunju 2021 u tilqa' l-impenn mill-Gvern Etjopjan li jorganizza elezzjonijiet kredibbli u trasparenti. L-UE hija lesta li tkompli tappoġġa tali proċess u tiringrazzja lill-Gvern Etjopjan għall-istedina tiegħu biex twettaq osservazzjoni elettorali.

21. Bħala sieħeb impenjat, l-UE tappella lill-Gvern Etjopjan biex jiżgura elezzjonijiet inklużivi, sabiex il-partiti politiċi jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ħieles u fuq bażi ugwali, isaħħu r-rappreżentanza u l-parteeċipazzjoni tan-nisa, jippermettu miġemgħat paċifiċi u jiżguraw il-libertà tal-istampa u s-sikurezza tal-ġurnalisti. Proċessi ġusti, trasparenti u f'waqthom ta' membri ta' partiti politiċi f'detenzjoni wkoll huma importanti għal proċess demokratiku u għall-istat tad-dritt.
22. L-UE thegġegħ biex jerġgħu jibdwew l-isforzi għall-iżvilupp ta' djalogu nazzjonali komprensiv, inklużiv u trasparenti bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż in-nisa, iż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-partiti politiċi u l-awtoritajiet reġjonali. Tħejjija akbar għal djalogu nazzjonali tista' sservi bħala miżura importanti għat-tisħiħ tal-fiduċja fil-kuntest elettorali u lil hinn minnu.
23. L-appoġġ diversifikat u qawwi tal-UE għall-Etjopja li ilu jingħata għal ħafna snin juri l-impenn sod tagħha u l-importanza li tagħti lis-sħubija. L-UE bħalissa qed tappoġġa t-tranżizzjoni tal-Etjopja, u tixtieq tkompli tagħmel dan. Hija tirsisti għal djalogu kontinwu, fil-qafas tal-Impenn Strateġiku bejn l-UE u l-Etjopja li beda fl-2016 u d-diskussjonijiet li għaddejjin mas-sħab tal-Etjopja dwar il-kooperazzjoni futura. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-popolazzjoni Etjopjana, tikkontribwixxi għall-isforzi tal-pajjiż biex ikompli jimplimenta riformi politiċi u ekonomiċi kritiċi, tippromwovi aktar żvilupp soċjali u ekonomiku, u trawwem il-kummerċ u l-investiment sostenibbli. L-UE tinsab lesta li tkompli ssaħħaħ din is-sħubija abbażi ta' sjieda u responsabbiltà konġunti.
24. Ir-reviżjoni li ġejja tal-qafas strateġiku tal-UE għall-Qarn tal-Afrika ser tfittex li tipproponi prijoritajiet konġunti kif ukoll issaħħaħ id-djalogu politiku u l-impenn komuni mar-reġjun kollu.